

ANNESS III

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT
TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF**

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Prodott mediċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 50 mg pilloli
Prodott mediċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 100 mg pilloli

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Pillola waħda fiha 50 mg ta' cilostazol.
Pillola waħda fiha 100 mg ta' cilostazol.

Għal-lista kompluta ta' eċċipjenti, ara s-sezzjoni 6.1.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola

Pilloli bojod, tondi b'uċuħ ċatti li fuqhom hemm imnaqqx “OG31” fuq naħħa waħda.
Pilloli bojod, tondi, b'uċuħ ċatti li fuqhom hemm imnaqqax “OG30” fuq naħħa waħda.

4. TAGħrif KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

<Prodott medicinali li fih cilostazol> huwa indikat għat-titjib tad-distanzi massimi u mingħajr uġiġi fil-mixi f'pazjenti b'klawdikazzjoni intermittenti, li ma jkollhomx uġiġi tal-mistrieħ u li ma jkollhomx evidenza ta' nekrożi tat-tessut periferali (marda periferali arterjali ta' Fontaine stadju II).

<Prodott medicinali li fih cilostazol> huwa għall-użu sekondarju, f'pazjenti li għalihom modifikasi fl-istil tal-ħajja (inkluż waqfien mit-tipjip u programmi ta' eżerċizzju [issorveljati]) u interventi xierqa oħra naqsu li jtejbu biżżejjed is-sintomi ta' klawdikazzjoni intermittenti tagħhom.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Id-doża rakkodata ta' cilostazol hija ta' 100 mg darbtejn kuljum. Cilostazol għandu jittieħed 30 minuta qabel il-kolazzjon u l-ikla ta' filgħaxija. Teħid ta' cilostazol mal-ikel ġie muri li jżid il-konċentrazzjonijiet massimi fil-plażma (C_{max}) ta' cilostazol, li jista' jkun assoċjat ma' frekwenza ogħla ta' reazzjonijiet avversi.

Cilostazol għandu tinbeda minn tobba li għandhom esperjenza fil-ġestjoni ta' klawdikazzjoni intermittenti (ara wkoll sezzjoni 4.4).

It-tabib għandu jerġa jevalwa l-pazjent wara tliet xhur ta' kura bil-ħsieb li jwaqqaf cilostazol meta jiġi osservat effett mhux adegwat jew is-sintomi ma jkunux tjiebu.

Pazjenti li qed jirċievu kura b'cilostazol għandhom ikomplu bil-modifiki fl-istil tal-ħajja tagħhom (waqfien mit-tipjip u eżerċizzju), u bl-interventi farmakoloġiċi (bħal kura għat-tnaqqis tal-lipidi u ta' kontra l-plejtlits) biex jitnaqqas ir-riskju ta' avvenimenti kardiovaskulari. Cilostazol mhux sostitut għall-kura bħal din.

Tnaqqis tad-doża għal 50 mg darbtejn kuljum huwa rrakkommandat f'pazjenti li qed jirċievu mediċini li jinibixxu b'mod qawwi lil CYP3A4, eżempju xi macrolides, mediċini kontra l-moffa tal-klassi azole, inhibituri tal-protease, jew mediċini li jinibixxu b'mod qawwi lil CYP2C19, eżempju omeprazole (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

L-anzjani

M'hemm l-ebda rekwiżiti speċjali fid-doża għall-anzjani.

Popolazzjoni pedjatrika

Is-sigurtà u effikaċċja fit-tfal ma ġewx determinati s'issa.

Indeboliment tal-kliewi

L-ebda aġġustament fid-doża ma huwa meħtieġ f'pazjenti bi tneħħija tal-kreatinina ta' > 25 ml/min. Cilostazol huwa kontraindikat f'pazjenti bi tneħħija tal-krejatinina ta' ≤ 25 ml/min.

Indeboliment tal-fwied

L-ebda aġġustament fid-doża ma huwa meħtieġ f'pazjenti b'mard epatiku ħafif. M'hemm l-ebda informazzjoni dwar pazjenti b'indeboliment epatiku moderat jew sever. Peress li cilostazol jiġi metabolizzat b'mod estensiv minn enżimi epatiċi, huwa kontraindikat f'pazjenti b'indeboliment epatiku moderat jew sever.

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

- Sensittività eċċessiva magħrufa għal cilostazol jew għal kwalunkwe wieħed mill-eċċipjenti
- Indeboliment tal-kliewi sever: tneħħija tal-kreatinina ta' ≤ 25 ml/min
- Indeboliment tal-fwied moderat jew sever
- Insuffiċjenza konġestiva tal-qalb
- Tqala
- Pazjenti b'kull predispożizzjoni magħrufa għal fsada (eż. ulċerazzjoni peptika attiva, puplesija emorraqika riċenti [fi żmien sitt xhur], retinopatija dijabetika proliferattiva, pressjoni għolja li ma hiex ikkontrollata tajjeb)
- Pazjenti bi storja ta' takikardija ventrikulari, fibrillazzjoni ventrikulari jew ektopiċi ventrikulari multifokali, kemm jekk trattati b'mod adegwat jew le, u f'pazjenti b'titwil tal-intervall QTc
- Pazjenti bi storja medika ta' takiarritmija severa
- Pazjenti kkurati fl-istess waqt b'żewġ sustanzi oħra jew aktar kontra l-plejtlits jew kontra t-tagħqid tad-demm (eż. acetylsalicylic acid, clopidogrel, heparin, warfarin, acenocoumarol, dabigatran, rivaroxaban jew apixaban)
- Pazjenti b'angina pectoris instabbi, infart mijokardijaku matul l-aħħar 6 xhur, jew intervent fil-qalb fl-aħħar 6 xhur.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Il-konvenjenza ta' kura b'cilostazol għandha tīgħi kkunsidrata b'attenzjoni flimkien ma' għażliet ta' kura oħra bħal rivaskularizzazzjoni.

Ibbaż fuq il-mekkaniżmu ta' azzjoni tiegħu, cilostazol jista' jikkawża takikardija, palpitazzjoni, takiaritmija u/jew pressjoni baxxa. Iż-żieda fir-rata tal-qalb assoċjata ma' cilostazol hija ta' madwar 5 sa 7 bpm; f'pazjenti f'riskju din tista' tikkawża angina pectoris.

Pazjenti li jista' jkollhom riskju akbar ta' avvenimenti avversi serji tal-qalb bħala riżultat ta' żieda fir-rata tal-qalb, eż. pazjenti b'mard stabbli tal-koronarji, għandhom jiġu ssorveljati b'attenzjoni waqt kura b'cilostazol, waqt li l-użu ta' cilostazol huwa kontra-indikat f'pazjenti b'angina pectoris instabbi, jew b'infart mijokaridjaku/intervent fil-koronarji fl-aħħar 6 xhur, jew bi storja medika ta' takiaritmija severa (ara sezzjoni 4.3).

Għandu jkun hemm attenzjoni meta cilostazol jiġi preskrift lill-pazjenti b'ektopija fl-atriju jew fil-ventrikolu b'fibrillazzjoni jew b'taħbit irregolari tal-atriju.

Il-pazjenti għandhom jiġu mwissija biex jirrappurtaw kwalunkwe episodju ta' emorraġja jew tbenġil faċli waqt li jkunu fuq it-terapija. F'każ ta' emorraġja retinali l-għoti ta' cilostazol għandu jitwaqqaf. Irreferi għal sezzjonijiet 4.3 u 4.5 għal tagħrif ulterjuri dwar riskji ta' fsada. Minħabba l-effett inibitorju t'aggregazzjoni ta' plejtlits huwa possibbli li jkun hemm riskju akbar ta' emorraġja flimkien ma' kirurġija (li jinkludu kejl invażiv minuri bħat-tnejħha tas-snien). Jekk pazjent għandu jgħaddi minn kirurġija elettiva u l-effett kontra l-plejtlits mhux meħtieġ, cilostazol għandu jitwaqqaf 5 ijiem qabel il-kirurġija.

Kien hemm rapporti rari jew rari ħafna ta' anormalitajiet ematoloġiċi li jinkludu tromboċiopenija, lewkopenija, agranuloċitosi, panciopenija u anemija aplastika (ara sezzjoni 4.8). Il-maġġoranza tal-pazjenti rkupraw wara l-waqfien ta' cilostazol. Madankollu, xi każijiet ta' panciopenija u anemija aplastika kellhom riżultat fatali.

Minbarra r-rapportaġġ ta' episodji ta' emorraġja u tbenġil b'mod faċli, il-pazjenti għandhom jiġu mwissija biex jirrappurtaw minnufih kull sinjal ieħor li jista' wkoll jissuġġerixxi l-iżvilupp bikri ta' diskrażja ta' demm bħal deni u uġiġi fil-griżmejn. Għandu jittieħed l-għadd sħiħ tad-demm jekk l-infezzjoni tkun suspettata jew ikun hemm xi evidenza klinika ta' diskrażja ta' demm. Cilostazol għandu jitwaqqaf minnufih jekk ikun hemm evidenza klinika jew tal-laboratorju ta' anormalitajiet ematoloġiċi.

F'każ ta' pazjenti li qed jirċievu inibituri qawwija ta' CYP3A4 jew CYP2C19, il-livelli fil-plażma ta' cilostazol intwerew li żdiedu. F'każijiet bħal dawn, dożagiġ ta' cilostazol ta' 50 mg darbejn kuljum huwa rrakkomandat (ara sezzjoni 4.5 għal aktar informazzjoni).

Kawtela hija meħtieġa meta jingħata cilostazol ma' kull sustanza oħra li għandha l-potenzjal li tnaqqas il-pressjoni tad-demm minħabba l-possibbiltà li jista' jkun hemm effett ipotensiv addittiv ma' takikardja riflessa. Irreferi wkoll għal sezzjoni 4.8.

Il-kawtela għandha tīgħi eż-żejtata meta cilostazol jingħata fl-istess ħin ma' sustanzi oħra li jinibxxu l-aggregazzjoni tal-plejtlits. Irreferi għal sezzjonijiet 4.3 u 4.5.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Impedituri tal-aggregazzjoni tal-plejtlits

Cilostazol huwa impeditur ta' PDE III b'attività kontra l-plejtlits. Fi studju kliniku f'pazjenti b'saħħithom, cilostazol li ngħata b'doża ta' 150 mg b.i.d ġħal ħamest ijiem ma kkaġunax titwil fil-ħin t'emorraġija.

Acetylsalicylic Acid (ASA)

L-għoti ġħal żmien qasir (≤ 4 ijiem) ta' ASA flimkien ma' cilostazol tissuġerixxi żieda ta' 23-25% fl-inibizzjoni ta' ADP-indott *ex vivo* t'aggregazzjoni ta' plejtlits meta mqabbel ma' ASA waħedha.

Ma kien hemm ebda tendenzi apparenti lejn frekwenza akbar ta' effetti emorraġiċi avversi f'pazjenti li jieħdu cilostazol u ASA meta mqabbla ma' pazjenti li jieħdu l-plaċebo u dożi ekwivalenti ta' ASA.

Clopidogrel u mediċini oħra li jaġixxu kontra l-plejtlits

L-għoti flimkien ta' clopidogrel u cilostazol ma kelliex effett fuq l-għadd ta' plejtlits, il-ħin ta' protrombin (PT - prothrombin time) jew il-ħin ta' parzialment attivat ta' tromboplastin (aPTT - activated partial thromboplastin time). L-individwi b'saħħithom kollha fl-istudju kellhom titwil ta' ħin ta' emorraġija b'clopidogrel waħdu u l-għoti flimkien ma' cilostazol ma rriżultax f'effett sinifikanti addizzjonali fuq il-ħin t'emorraġija. Kawtela hija rakkomandata meta jingħata cilostazol fl-istess ħin ma' kull mediċina li timpedixxi l-aggregazzjoni tal-plejtlits. Għandha tingħata konsiderazzjoni għall-monitoraġġ tal-ħin ta' emorraġija f'intervalli. Kura b'cilostazol hija kontraindikata f'pazjenti li qed jirċievu żewġ sustanzi oħra jew aktar kontra l-plejtlits/kontra t-tagħqid tad-demm (ara sezzjoni 4.3). Rata oħla ta' emorraġija kienet osservata bl-użu fl-istess waqt ta' clopidogrel, ASA u cilostazol fil-prova CASTLE.

Antikoagulanti orali bħal warfarin

Fi studju kliniku ta' doża waħda, ma ġiet osservata l-ebda inibizzjoni għall-metaboliżmu ta' warfarin jew xi effett fuq il-parametri ta' koagulazzjoni (PT, aPTT, ħin ta' emorraġija). Madankollu, kawtela hija rakkomandata f'pazjenti li qed jirċievu kemm cilostazol u kull sustanza antikoagulanti oħra u monitoraġġ frekwenti huwa meħtieġ sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' emorraġija. Kura b'cilostazol hija kontraindikata f'pazjenti li qed jirċievu żewġ sustanzi oħra jew aktar kontra l-plejtlits/kontra t-tagħqid tad-demm (ara sezzjoni 4.3).

Enżimi impedituri ta' cytochrome P-450 (CYP)

Cilostazol jiġi metabolizzat b'mod estensiv minn enzimi ta' CYP, b'mod partikolari CYP3A4 u CYP2C19 u b'mod inqas b'CYP1A2. Il-metabolit deidro, li ġħandu 4-7 darbiet il-qawwa ta' cilostazol biex jimpedixxi l-aggregazzjoni tal-plejtlits, jidher li jiġi ffurmat prinċipalment permezz ta' CYP3A4. Il-metabolit 4'-trans-hydroxy, b'qawwa ta' wieħed minn ħamsa ta' cilostazol, jidher li jiġi ffurmat primarjament permezz ta' CYP2C19. Għalhekk, mediċini li jimpedixxu CYP3A4 (eż., xi makrolidi, azole antifungali, inibituri tal-protease) jew CYP2C19 (bħal inibituri tal-proton pump, PPIs) iżidu l-attività farmakoloġika totali u jista' jkollhom il-potenzjal li jħarr Xu l-effetti mhux mixtieqa ta' cilostazol. Bħala konsegwenza, għall-pazjenti li qed jieħdu wkoll inibituri qawwija ta' CYP3A4 jew CYP2C19 id-doża rrakkomandata hija ta' 50 mg darbtejn kuljum (ara sezzjoni 4.2).

L-għoti ta' cilostazol ma' erythromycin (inibitur ta' CYP3A4) irriżulta f'żieda fl-AUC ta' cilostazol b'72%, flimkien ma' żieda ta' 6% fl-AUC tal-metabolit dehydro u żieda ta' 119% fl-AUC tal-metabolit 4'-trans-hydroxy.

Ibbażat fuq l-AUC, l-attività farmakoloġika globali ta' cilostazol tiżdied b'34% meta jingħata flimkien ma' erythromycin. Ibbażat fuq din id-dejta, id-doża rrakkomandata ta' cilostazol hija ta' 50 mg bid fil-preżenza ta' erythromycin u sustanzi simili (eż. clarithromycin).

L-għoti ta' ketoconazole (inibitur ta' CYP3A4) flimkien ma' cilostazol wasslet għal żieda ta' 117% fl-AUC ta' cilostazol, akkumpanjata minn tnaqqis ta' 15% fl-AUC tal-metabolit dehydro u żieda ta' 87% fl-AUC tal-metabolit 4'-trans-hydroxy. Ibbażat fuq l-AUC, l-attività farmakoloġika globali ta' cilostazol tiżdied b'35% meta jingħata flimkien ma' ketokonazole. Ibbażat fuq din id-dejta, id-doża rrakkomandata ta' cilostazol hija ta' 50 mg bid fil-preżenza ta' ketoconazole u sustanzi simili (eż. itraconazole).

L-għoti ta' cilostazol ma' diltiazem (inibitur dgħajjef ta' CYP3A4) irriżulta f'żieda fl-AUC ta' cilostazol ta' 44% flimkien ma' żieda ta' 4% fl-AUC tal-metabolit 4'-trans-hydroxy. Ibbażat fuq l-AUC, l-attività farmakoloġika globali ta' cilostazol tiżdied b'19% meta jingħata flimkien ma' diltiazem. Ibbażat fuq din id-dejta, mhux meħtieġ aġġustament fid-doża.

L-għoti ta' doża waħda ta' 100 mg cilostazol ma' 240 ml meraq tal-grejpfrut (inibitur ta' CYP3A4 intestinali) ma kellux effett notevoli fuq il-farmakokinetika ta' cilostazol. Ibbażat fuq din id-dejta, mhux meħtieġ aġġustament fid-doża. Effett klinikament rilevanti fuq cilostazol xorta huwa possibbli bi kwantitajiet oħla ta' meraq tal-grejpfrut.

L-għoti ta' cilostazol ma' omeprazole (inibitur ta' CYP2C19) żied l-AUC ta' cilostazol b'22%, flimkien ma' żieda ta' 68% fl-AUC tal-metabolit dehydro u tnaqqis ta' 36% fl-AUC tal-metabolit 4'-trans hydroxy. Ibbażat fuq l-AUC, l-attività farmakoloġika globali tiżdied b'47% meta jingħata flimkien ma' omeprazole. Ibbażat fuq din id-dejta, fil-preżenza ta' omeprazole id-doża rrakkomandata ta' cilostazol hija ta' 50 mg bid.

Sottostrati tal-enżima cytochrome P-450

Cilostazol ġie muri li jżid l-AUC ta' lovastatin (substrat sensittiv għal CYP3A4) u l-metabolit ffurmat minnha, β-hydroxy acid b'70%. Kawtela hija rakkomandata meta cilostazol jingħata flimkien ma' sottostrati ta' CYP3A4 b'indiċi terapewtiku dejjaq (eż., cisapride, halofantrine, pimozide, derivati t'ergot). Il-kawtela hija rakkomandata fil-każ tal-għoti konġunt ma' statins metabolizzati minn CYP3A4, eżempju simvastatin, atorvastatin u lovastatin.

Indutturi enżimatiċi ta' cytochrome P-450

L-effett tal-indutturi CYP3A4 u CYP2C19 (bħal carbamazepine, phenytoin, rifampicin u St John's wort) fuq il-farmakokinetika ta' cilostazol ma' għixx evalwata. L-effett antiplejtlit jista' teoretikament jiġi mibdul u għandu jiġi monitorjat b'attenzjoni meta cilostazol jingħata flimkien ma' indutturi ta' CYP3A4 u CYP2C19.

Fi provi kliniċi, it-tipjip (li jinduċi CYP1A2) naqqas il-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' cilostazol bi 18%.

Interazzjonijiet potenzjali oħra

Kawtela hija meħtieġa meta cilostazol jingħata flimkien ma' kwalunkwe sustanza oħra li għandha l-potenzjal li tnaqqas il-pressjoni minħabba l-possibbiltà li jista' jkun hemm effett li jbaxxi l-pressjoni addittiv b'takikardja riflessa.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Tqala

Mhemmx tagħrif bizzżejjed dwar l-użu ta' cilostazol f' nisa tqal. Studji fuq l-annimali wrew tossiċità riproduttiva (ara Sezzjoni 5.3). Ir-riskju potenzjali għall-bniedem mhuwiex magħruf. <Prodott medicinali li fih cilostazol> m'għandux jintuża waqt it-tqala (ara sezzjoni 4.3).

Treddiġ

It-trasferiment ta' cilostazol għall-ħalib tas-sider ġie rrappurtat fi studji fuq l-annimali. L-eliminazzjoni ta' cilostazol fil-ħalib tal-bniedem mhux magħruf. Minħabba l-effett ta' ħsara potenzjali fit-tarbija tat-twelid mreddgħha' minn omm ittrattata, l-użu ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> mhux rakkommandat waqt it-treddiġ.

Fertilità

Cilostazol ma biddilx il-fertilità fi studji fuq l-annimali.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Cilostazol jista' jikkawża sturdament u l-pazjenti għandhom jiġu mwissija biex joqogħdu attenti qabel ma jsuqu jew iħaddmu magni.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Ir-reazzjonijiet avversi l-aktar komunement irrapportati fi provi kliniċi kienu uġiġi ta' ras ($f^> 30\%$), dijarea u ppurgar anormali ($f^> 15\%$ kull wieħed). Dawn ir-reazzjonijiet kienu ġeneralment ta' intensità ħafffa għal moderata u kienu xi drabi mtaffija billi tnaqset id-doża.

Reazzjonijiet avversi rrapportati fil-provi kliniċi u fil-perjodu ta' wara t-tqeħġid fis-suq huma inklużi fit-tabella t'hawn taħt.

Il-frekwenzi jikkorrispondu ma':	Komuni ħafna ($\geq 1/10$) Komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$) Mhux komuni ($\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$) Rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1000$) Rari ħafna ($< 1/10,000$), mhux magħruf (ma jistax jiġi stmat mit-tagħrif disponibbli)
----------------------------------	--

Il-frekwenzi ta' reazzjonijiet osservati fil-perjodu ta' wara t-tqeħġid fis-suq huma meqjusa bħala mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli).

Disturbi tad-demm u tas-sistema limfatika	Komuni Mhux komuni Rari tromboċitemija	Ekimożi Anemija Titwil fil-ħin ta' emorraġija,
---	---	--

	Mhux magħruf	Tendenza ta' fsada, tromboċitopenija, granuloċitopenija, agranuloċitosi, lewkopenija, panċitopenija, anemija aplastika
Disturbi fis-sistema immuni	Mhux komuni	Reazzjoni allerġika
Disturbi tal-metaboliżmu u n-nutriżzjoni	Komuni	Edema (periferika, wiċċe), anoreksja
	Mhux komuni	Ipergliċemija, Dijabete mellitus
Disturbi psikjatriċi	Mhux komuni	Ansjetà
Disturbi fis-sistema nervuża	Komuni ħafna	Ugħiġi ta' ras
	Komuni	Sturdament
	Mhux komuni	Nuqqas ta' irqad, ġholm abnormali
	Mhux magħruf	Paresi, ipoestesija
Disturbi fl-għajnejn	Mhux magħruf	Konġunktivite
Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika	Mhux magħruf	Tinnite
Disturbi fil-qalb	Komuni	Palpitazzjoni, takikardja, angina pectoris, arritmija, ekstrasistoles ventrikulari
	Mhux komuni	Infart mijokardijaku, fibrillazzjoni atrijali, falliment tal-qalb konġestiva, takikardja supraventrikulari, takikardja ventrikulari, sinkope
Disturbi vaskulari	Mhux komuni	Emorraġija tal-għajnejn, epistassi, emorraġija gastrointestinali, emorraġija mhix speċifika, ipotensjoni ortostatika
	Mhux magħruf	Fwawar, pressjoni għolja, pressjoni baxxa, emorraġija ċerebrali, emorraġija pulmonari, emorraġija muskolari, emorraġija fl-apparat respiratorju, emorraġija taħt il-ġilda
Disturbi respiratorji, toraċċi u medjastinali	Komuni	Rinite, farinġite
	Mhux komuni	Dispnea, pnewmonja, sogħla
	Mhux magħruf	Pnewmonja interstizzjali
Disturbi gastrointestinali	Komuni ħafna	Dijarea, ippurgar abnormali faeces
	Komuni	Dardir u remettar, dispepsja, gass, ugħiġi ta' żaqq

	Mhux komuni	Gastrite
Disturbi fil-fwied u fil-marrara	Mhux magħruf suffejra	Epatite, funzjoni epatika abnormali,
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda	Komuni Mhux magħruf	Raxx, ħakk Ekżema, infafet fuq il-ġilda, Is-sindromu ta' Stevens-Johnson, nekrolisi epidermali tossika, urtikarja
Disturbi muskolu-skeletriċi, tat-tessut konnettiv u tal-għadam	Mhux komuni	Mijalġija
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja	Rari kliewi Mhux magħruf	Falliment tal-kliewi, indeboliment tal-kliewi Ematuria, pollakijuria
Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata	Komuni Mhux komuni Mhux magħruf	Ugħiġi tas-sider, astenja Sirdat, telqa Deni, ugħiġi
Investigazzjonijiet	Mhux magħruf	Żieda fil-livell ta' uric acid, żieda tal-urea fid-demm, żieda tal-kreatinina fid-demm

Żieda fil-frekwenza ta' palpitazzjonijiet u edima periferali kienet osservata meta cilostazol kien kombinat ma' vażodilaturi oħra li jikkawżaw takikardja riflessiva eż-imblokkaturi tal-kanal tal-kalċju ta' dihydropyridine.

L-uniku każ avvers li rriżulta mill-waqfien tat-terapija $f' \geq 3\%$ tal-pazjenti kkurati b'cilostazol kien ugħiġi ta' ras. Kawżi frekwenti oħra ta' wara l-waqfien kien jinkludu palpitazzjoni u dijarea (it-tnejn 1.1%).

Cilostazol *per se* jista' jgħorr miegħu riskju ogħla ta' emorraġija u dan ir-riskju jista' jitharrax bl-għoti ukoll ta' sustanza oħra b'potenzjal bħal dan.

Ir-riskju ta' emorraġija fl-ġħajnej tista' tkun ogħla f'pazjenti bid-dijabete.

Żieda fil-frekwenza ta' dijarea u palpitazzjoni kienet osservata f'pazjenti akbar minn 70 sena.

4.9 Doża eċċessiva

L-informazzjoni dwar doża akuta fil-bniedem hija ristretta. Is-sinjalji u s-sintomi jistgħu jiġu antiċipati li jkunu ugħiġi ta' ras, dijarea, takikardja u possibilment arritmija kardijaka.

Il-pazjenti għandhom jiġu osservati u jingħataw trattament t'appoġġ. L-istonku għandu jitbattal minn rimettar indott jew ħasil gastriku, kif xieraq.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprietajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Sustanzi antitrombotiċi, impeditur tal-aggregazzjoni ta' plejtlits li jeskludi l-eparina.

Kodiċi ATC: B01A C

Minn tagħrif iġġenerat minn 9 studji bil-plaċebo bħala kontroll (fejn 1634 pazjent kienu esposti għal cilostazol), ġie muri li cilostazol itejjeb il-kapaċità t'eżerċizzju kif iġġudikati minn bidliet fid-Distanza Assoluta ta' Klawdikazzjoni (ACD - Absolute Claudication Distance, jew distanza massima tal-mixi) u Distanza ta' Klawdikazzjoni Inizjali (ICD - Initial Caludication Distance, jew distanza ta' mixi mingħajr ugħiġi) wara l-ittejtjar bi treadmill. Wara 24 ġimħa trattament, cilostazol 100 mg b.i.d iż-żieda fil-medja ta' ACD kien ivarja minn 60.4-129.1 metru, waqt li żidiet fil-medja tal-ICD kien ivarja minn 47.3-93.6 metru.

Meta-analiżi bbażata fuq id-differenzi medji peżati madwar id-disa' studji indikaw li kien hemm titjib globali sinifikanti assolut wara l-linjal ta' riferiment ta' 42 m f'distanza massima ta' mixi (ACD) għal cilostazol 100 mg b.i.d, fuq it-titjib li deher taħt il-plaċebo. Dan jikkorrispondi għal titjib relattiv ta' 100% fuq il-plaċebo. Dan l-effett deher aktar baxx fid-dijabetiċi milli f'dawk mhux dijabetiċi.

Studji fuq bhejjem urew li cilostazol ikollu effetti vażodilatatorji u dan ġie muri fi studji żgħar fil-bniedem fejn il-fluss tad-demm fl-ġħakiesi kien imkejjel permezz ta' strain gauge plethysmography. Cilostazol jimpedixxi wkoll il-profilerazzjoni taċ-ċelluli muskolari melliesa fil-firien u c-ċelluli muskolari melliesa fil-bniedem *in vitro*, u jimpedixxi r-reazzjoni ta' rilaxx tal-plejtlits tal-fattur ta' żvilupp derivat minn plejtlits u PF-4 fil-plejtlits tal-bniedem.

Studji fl-annimali u fil-bniedem (*in vivo* u *ex vivo*) urew li cilostazol jikkawża inibizzjoni riversibbi tal-aggregazzjoni tal-plejtlits. L-inibizzjoni huwa effettiv kontra firxa ta' aggreganti (li jinkludu shear stress, arachidonic acid, kollaġen, ADP u adrenalina); fil-bniedem l-inibizzjoni ddum sa 12-il siegħa, u mal-waqfien tal-ġħoti ta' cilostazol l-irkupru t'aggregazzjoni seħħi fi żmien 48-96 siegħa, mingħajr rebound hyperaggregability. Effetti fuq lipidi fil-plażma li jiċċirkolaw ġew eżaminati f'pazjenti li jieħdu <Prodott medicinali li fih cilostazol>. Wara 12-il ġimħa, meta mqabbel ma' plāċebo, <Prodott medicinali li fih cilostazol> 100 mg b.i.d ipproduċa tnaqqis fit-trigliċeridi ta' 0.33 mmol/l (15%) u żieda fl-HDL-kolesterol ta' 0.10 mmol/l (10%).

Studju każwali ta' Fażi IV, double-blind, bil-plaċebo bħala kontroll sar biex jassessja l-effetti fuq tul ta' żmien ta' cilostazol, bil-miri jkunu l-mortalità u s-sigurtà. B'kolloks, 1,439 pazjent b'klawdikazzjoni intermittenti u mingħajr ebda insuffiċjenza tal-qalb kienu kkurati b'cilostazol jew plāċebo għal massimu ta' tliet snin. F'36 xahar fir-rigward ta' mortalità, il-każijiet ta' Kaplan-Meier osservati sal-mewt fuq il-mediċina tal-istudju bi żmien medjan ta' 18-il xahar kienet ta' 5.6% (95% CI ta' 2.8 għal 8.4%) fuq cilostazol u 6.8% (95% CI ta' 1.9% għal 11.5%) fuq plāċebo. Kura fit-tul ma' cilostazol ma qajmitx kwistjonijiet ta' sikurezza.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Wara dożi multipli ta' cilostazol 100 mg darbtejn kuljum f'pazjenti b'mard vaskulari periferiku, stat stabbli inkiseb fi żmien 4 ijiem.

Is-C_{max} ta' cilostazol u l-metaboliti primarji li jiċċirkolaw tiegħu jiżdiedu inqas minn proporzjonalment ma' dożi li jiżdiedu. Madankollu, l-AUC għal cilostazol u l-metaboliti tiegħu jiżdied b'madwar proporzjonalment mad-doża.

Il-half-life tal-eliminazzjoni apparenti ta' cilostazol hi 10.5 sīgħat. Hemm żewġ metaboliti ewlenin, dehydro-cilostazol u 4'-trans-hydroxy cilostazol, it-tnejn li huma għandhom half-lives apparentament simili. Il-metabolit dehydro huwa 4-7 darbiet attiv iż-żejjed bħala antiaggregant tal-plejtlits mill-kompost ġenitur u l-metabolit 4'-trans-hydroxy huwa attiv daqs wieħed f'ħamsa. Il-konċentrazzjonijiet fil-plażma (kif imkejjel mill-AUC) tal-metaboliti dehydro u 4'-trans-hydroxy huma ~ 41% u ~ 12% tal-konċentrazzjonijiet ta' cilostazol.

Cilostazol jiġi eliminat prinċipalment bil-metaboliżmu u sussegwentement bl-eliminazzjoni awrinali ta' metaboliti. L-isoenzimi prinċipali involuti fil-metaboliżmu tiegħu huma cytochrome P-450 CYP3A4, u b'mod inqas, CYP2C19, u sa-ċertu punt anke inqas CYP1A2.

Ir-rotta ewlenija ta' eliminazzjoni tkun permezz tal-awrina (74%) u l-kumplament jiġi eliminat mal-ippurgar. L-ebda ammont mkejjel ta' cilostazol mhux mibdul ma ġie eliminat fl-awrina, u anqas minn 2% tad-doża titneħħha bħala l-metabolit dehydro-cilostazol. Madwar 30% tad-doża hija eliminata fl-awrina bħala l-metabolit 4'-trans-hydroxy. Il-kumplament tiġi mneħħija bħala metaboliti, li l-ebda wieħed minnhom ma jaqbeż l-5% tat-total eliminat.

95-98% ta' cilostazol jintrabat mal-proteina, prinċipalment mal-albumina. 97.4% u 66% tal-metaboliti dehydro u 4'-trans-hydroxy jaqbdu mal-proteini rispettivament.

M'hemm l-ebda evidenza li cilostazol jinduċi enzimi mikrosomali tal-fwied.

Il-farmakokinetika ta' cilostazol u l-metaboliti tiegħu ma kinux affettwati b'mod sinifikanti minn età jew ġeneru sesswali f'individwi b'saħħithom ta' età bejn 50-80 sena.

F'individwi b'indeboliment renali sever, l-frazzjoni libera ta' cilostazol kienet ta' 27% oħħla u kemm C_{max} u l-AUC kienu 29% u 39% inqas rispettivament milli f'individwi b'funzjoni renali normali. Is-C_{max} u l-AUC tal-metabolit dehydro kienu 41% u 47% inqas rispettivament f'individwi b'indeboliment sever tal-kliewi meta mqabbel ma' individwi b'funzjoni renali normali. Is-C_{max} u l-AUC ta' 4'-trans-hydroxy cilostazol kienu 173% u 209% oħħla f'individwi b'indeboliment renali sever. Il-mediciċina m'għandhiex tingħata lil pazjenti bi tneħħija tal-kreatinina <25 ml/min (ara sezzjoni 4.3).

M'hemmx tagħrif f'pazjenti b'indeboliment moderat għal sever tal-fwied u peress li cilostazol jiġi metabolizzat b'mod estensiv minn enzimi epatiċi, il-mediciċina m'għandhiex tintuża f'dawn il-pazjenti (ara sezzjoni 4.3).

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Cilostazol u diversi metaboliti tiegħu huma impedituri ta' phosphodiesterase li jrażżnu d-degradazzjoni AMP ċikliku, li jirriżulta f'żieda f'cAMP f'diversi tessuti li jinkludu plejtlits u vażi tad-demm. Bħal b'sustanzi oħra inotropiči u vażodilataturi pożittivi, cilostazol ikkaġuna leżjonijiet kardjavaskulari fil-klieb. Leżjonijiet bħal dawn ma dehrux fil-firien jew fix-xadini u huma kkunsidrati speċiċi. Stħarriġ ta' QTc fil-klieb u xadini ma wrew l-ebda titwil wara l-għoti ta' cilostazol jew il-metaboliti tiegħu.

Studji ta' mutaġeniċità kienu negattivi għal mutazzjoni tal-ġeni batteriċi, reparazzjoni ta' DNA batterika, mutazzjoni mammiferi tal-ġeni ċellulari u aberrazzjonijiet kromosomali tal-mudullun *in vivo* tal-ġurdien. Fit-testijiet *in vitro* fuq ċelluli tal-ovarji tal-ħemster Ċiniż

cilostazol ipproduċa żieda dgħajfa iżda sinifikanti fil-frekwenza t'anormalitajiet fil-kromożomi. Ma ġie osservat ebda eżitu neoplastiku mhux tas-soltu fi studji karċinoġeniċi ta' sentejn fuq il-firien f'dożi orali (djetetiku) sa 500 mg/kg/jum, u fil-ġrieden f'dożi sa 1000 mg/kg/jum.

Fil-firien li ngħataw doża waqt it-tqala, il-piżijiet tal-fetu tnaqqasu. Barra minn hekk, ġew innotati żieda fl-abnormalitajiet esterni, vixxerali u skeletriċi tal-feti f'livelli ta' doża għolja. F'livelli ta' dożi aktar baxxi, ġie osservat dewmien tal-ossifikazzjoni. Espożizzjoni tardiva waqt it-tqala rriżulta fi frekwenza akbar ta' frieħ imwielda mejta u piżijiet tal-frieħ aktar baxxi. Żjeda fil-frekwenza ta' dewmien fl-ossifikazzjoni tal-isternu kienet osservata fil-fniek.

6. TAGħrif Farmaċewtiku

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Lamtu tal-qamħirrum, microcrystalline cellulose, carmellose calcium, hypromellose u magnesium stearate.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.2 Inkompatibbiltajiet

Mhux applikabbli.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

3 snin.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Dan il-prodott mediċinali m'għandux bżonn ħażna speċjali.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.5 In-natura tal-kontenit u ta' dak li hemm ġo fih

Kaxxi tal-kartun li fihom 14, 20, 28, 30, 50, 56, 98 100, 112 u 168 pillola kif ukoll pakketti tal-isptar b'70 (5x14) pillola ppakkjati f' folji tal-PVC/Aluminju.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema <u għal immaniġġar iehor>

L-ebda ġtiġijiet speċjali.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TIKKETTAR

TAGħrif li Għandu Jidher Fuq il-Pakkett ta' Barra

Kartuna

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Prodott mediciċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 50 mg pilloli

Prodott mediciċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 100 mg pilloli

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Cilostazol

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull pillola fiha 50 mg cilostazol.

Kull pillola fiha 100 mg cilostazol.

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

20 pillola

28 pillola

30 pillola

50 pillola

56 pillola

100 pillola

112-il pillola

168 pillola

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Għall-użu orali

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

6. TWISSIJA SPEċJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' SKADENZA

JIS

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**10 PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI
MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI,
JEKK HEMM BŻONN**

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

[Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

13. NUMRU TAL-LOTT

LOT

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

<Prodott medicinali li fih cilostazol> 50 mg

<Prodott medicinali li fih cilostazol> 100 mg

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

TAGħrif Minimu li Għandu Jidher Fuq il-Folji jew Fuq l-Istrixxi

{Folja}

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Prodott mediciċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 50 mg pilloli
Prodott mediciċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 100 mg pilloli

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Cilostazol

2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

3. DATA TA' SKADENZA

JIS

4. NUMRU TAL-LOTT

LOT

5. OĦRAJN

FULJETT TA' TAGĦRIF

Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

Prodott mediċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 50 mg pilloli Prodott mediċinali li fih cilostazol (ara Anness I) 100 mg pilloli

Cilostazol

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Cilostazol

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-Ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjal ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarji kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li m'huxi elenkat f'dan il-fuljett.

F'dan il-fuljett:

1. X'inhu <Prodott medicinali li fih cilostazol> u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>
3. Kif għandek tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżeen <Prodott medicinali li fih cilostazol>
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhu <Prodott medicinali li fih cilostazol> u għalxiex jintuża

<Prodott medicinali li fih cilostazol> jappartjeni għal grupp ta' mediċini msejħha inibituri ta' phosphodiesterase tip 3.

Huwa għandu diversi azzjonijiet li jinkludu twessiġħ ta' xi vażi tad-demm u tnaqqas fl-attività ta' emboliżmu tad-demm (tagħqid) ta' xi ċelluli tad-demm imsejħha plejtilts ġol-vażi tiegħek.

Inti ngħatatilek riċetta għal <Prodott medicinali li fih cilostazol> għal "klawdikazzjoni intermittenti". Klawdikazzjoni intermittenti huwa uġiġi bħal bugħawwieġ f'rīglejk meta timxi u hu kkaġunat minħabba forniment insuffiċjenti tad-demm f'rīglejk. <Prodott medicinali li fih cilostazol> jista' jżid d-distanza ili inti tista' timxi mingħajr uġiġi minħabba li jtejjeb iċ-ċirkolazzjoni tad-demm f'rīglejk. Cilostazol huwa rrakkomandat biss għall-pazjenti li s-sintomi tagħhom ma jkunux tjiebu bizzżejjed wara modifikasi fl-istil tal-ħajja (bħal waqtien mit-tippi u żieda fl-eżerċizzju) u wara interventi xierqa oħra. Huwa importanti li tkompli bil-modifikasi li tkun għamilt fl-istil ta' ħajtek waqt li tkun qed tieħu cilostazol.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>

Tiħux <Prodott medicinali li fih cilostazol>

- jekk inti allerġiku għal cilostazol jew għal xi sustanza oħra ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> (elenkati fis-sezzjoni 6).
- jekk għandek il-kundizzjoni ta' "falliment kardijaku".
- jekk għandek uġiġi persistenti fis-sider waqt il-mistrieħ, jew kellek "attakk tal-qalb" jew xi kirurġija tal-qalb fl-aħħar sitt xhur

- jekk għandek issa jew kont tbat minn telfien tas-sensi minħabba mard tal-qalb, jew kull disturb sever li jiġi mit-taħbit tal-qalb.
- jekk taf li għandek kondizzjoni li jżid ir-riskju tiegħek ta' emorraġiji jew tbenġil, bħal:
 - ulċer(a/i) attiv(a/i) fl-istonku.
 - puplesija fl-aħħar sitt xhur.
 - problemi b'għajnejk jekk għandek id-dijabete.
 - jekk il-pressjoni tad-demm tiegħek mhux ikkontrollat sew.
 - jekk qed tieħu kemm acetylsalicylic acid kif ukoll clopidogrel, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' żewġ mediċini jew aktar li jistgħu jżidu r-riskju tiegħek ta' fsada [staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk m'intix ġert/a]
- jekk għandek mard tal-kliewi sever jew moderat jew mard tal-fwied sever.
- jekk inti tqila

Oqogħod attent ħafna b'<Prodott mediċinali li fih cilostazol>

Qabel tieħu <Prodott mediċinali li fih cilostazol> kun żgur li t-tabib tiegħek ikun jaf:

- jekk inti għandek problema tal-qalb severa jew xi problema mat-taħbit tal-qalb tiegħek.
- jekk għandek problemi bil-pressjoni tad-demm tiegħek.

Waqt kura b'<Prodott mediċinali li fih cilostazol> kun ċert li

Jekk għandek bżonn li jkollok kirurġija inkluż it-tnejha ta' snien, għarraf lit-tabib jew lid-dentist tiegħek li inti qed tieħu <Prodott mediċinali li fih cilostazol>

- Jekk inti tit-benġ feċiement jew ikollok fsada, waqqafit it-teħid ta' <Prodott mediċinali li fih cilostazol> u għid lit-tabib tiegħek.

Mediċini oħra u <Prodott mediċinali li fih cilostazol>

Qabel ma tibda tieħu <Prodott mediċinali li fih cilostazol>, jekk jogħġgbok għarraf lit-tabib jew l-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħad dan laħħar xi mediċini oħra, li jinkludu mediċini mingħajr riċetta.

Għandek spċifikament tgħarraf lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi mediċini normalment użati biex jittrattaw kondizzjonijiet ta' uġiġi u/jew infjammazzjoni tal-muskoli jew għogxi, jew jekk qed tieħu mediċini biex traqqaq id-demm. Dawn il-mediċini jinkludu:

- acetylsalicylic acid
- clopidogrel
- mediċini kontra t-tagħqid tad-demm (eż. warfarin dabigatran, rivaroxaban, apixaban jew heparins ta' piżżejk molekolari baxx).

Jekk qed tieħu mediċini bħal dawn ma' <Prodott mediċinali li fih cilostazol> it-tabib tiegħek għandu mnejn iwettaq xi testijiet ta' rutina tad-demm.

Ċertu mediċini jistgħu jinterferixxu mal-effett ta' <Prodott mediċinali li fih cilostazol> meta jittieħdu flimkien. Huma jistgħu jew iżidu l-effetti sekondarji ta' <Prodott mediċinali li fih cilostazol> jew jagħmlu <Prodott mediċinali li fih cilostazol> inqas effettiv. <Prodott mediċinali li fih cilostazol> għandu mnejn jagħmel l-istess għal mediċini oħra. Qabel ma tibda tieħu <Prodott mediċinali li fih cilostazol>, jekk jogħġgbok għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu:

- erythromycin, clarithromycin jew rifampicin (antibijotiċi)
- ketoconazole (għal kura ta' infezzjoni tal-moffa)
- omeprazole (biex jittratta aċċidu żejjed fl-istonku)
- diltiazem (għal kura tal-pressjoni għolja tad-demm jew uġiġi fis-sider)
- cisapride (għal trattament ta' disturbi tal-istonku)
- lovastatin jew simvastatin jew atorvastatin (biex jiġi kkurat il-kolesterol għoli fid-demm)
- halofantrine (biex tiġi kkurata l-malarja)
- pimozide (biex jiġi kkurat il-mard mentali)

- derivati ta' ergot (biex tiġi kkurata l-emigranja, eż. ergotamine, dihydroergotamine)
- carbamazepin jew phenytoin (biex jiġu kkurati l-konvulżjonijiet)
- St. John's wort (rimedju tal-ħnejnej)

Jekk m'intix ċert jekk dan jaapplikax għal mediċini tiegħek staqsi lit-tabib jew spiżjar tiegħek.

Qabel ma tibda tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>, jekk jogħġgbok informa lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu mediċini għall-pressjoni għolja tad-demm minħabba li <Prodott medicinali li fih cilostazol> jista' jkollu effett addizzjonali fit-tnejn tal-pressjoni tad-demm tiegħek. Jekk il-pressjoni tad-demm tiegħek tinżel wisq, dan jista' jikkawża li taħbit tal-qalb mghażżeen. Dawn il-mediċini jinkludu:

- Dijuretiċi (eż, hydrochlorothiazide, furosemide)
- imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju (eż., verapamil, amlodipine)
- inibituri ta' ACE (eż., captopril, lisinopril)
- imblokkaturi tar-riċetturi ta' angiotensin II (eż., valsartan, candesartan)
- imblokkaturi tar-riċetturi beta (eż., labetalol, carvedilol);

Huwa possibbli li inti xorta tkun tista' tieħu l-mediċini msemmija hawn fuq u <Prodott medicinali li fih cilostazol> flimkien u t-tabib tiegħek ser ikun jista' jiddeċiedi liema huwa adattat għalik.

<Prodott medicinali li fih cilostazol> ma' ikel u xorb

Il-pilloli <Prodott medicinali li fih cilostazol> għandhom jittieħdu 30 minuta qabel il-kolazzjon u l-ikla ta' filgħaxja.

Dejjem ħu l-pilloli ma' tazza ilma.

Tqala u treddiġ

<Prodott medicinali li fih cilostazol> M'GHANDUX jintuża waqt it-tqala.

Għal ommijiet li qed ireddgħu l-użu ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> **MHUX RAKKOMANDAT**.

Jekk inti tqila, taħseb li tista' tkun tqila jew qed tredda', staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier għal parir qabel tieħu xi mediċina.

Sewqan u tħaddim ta' magni

<Prodott medicinali li fih cilostazol> jista' jikkawża l-isturdamenti. Jekk tħossok sturdut wara li tieħu l-pilloli ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol>, ISSUQX u tużax għodod jew magni u informa lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

3. Kif għandek tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>

- Dejjem għandek tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol> skont il-parir eż-żarr tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikkolli xi dubju.
- Id-doża normali hija ta' żewġ pilloli ta' 50 mg darbtejn kuljum (filgħodu u filgħaxija). Din id-doża m'għandieq bżonn li tinbidel għall-anzjani. Madankollu, it-tabib tiegħek jista' jippreskriji doża aktar baxxa jekk qed tieħu mediċini oħra li jistgħu jinterferixxu mal-effett ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol>.
- Id-doża normali hija ta' pillola waħda ta' 100 mg darbtejn kuljum (filgħodu u filgħaxija). Din id-doża m'għandieq bżonn li tinbidel għall-anzjani. Madankollu, it-tabib tiegħek jista' jippreskriji doża aktar baxxa jekk qed tieħu mediċini oħra li jistgħu jinterferixxu mal-effett ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol>.

- Il-pilloli ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> għandhom jittieħdu 30 minuta qabel il-kolazzjon u l-ikla ta' filgħaxija. Dejjem hu l-pilloli ma' tazza ilma.

Xi beneficiċċi ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> jistgħu jinħassu fi żmien 4-12-il ġimgħa ta' kura. It-tabib tiegħek se jevalwa l-progress tiegħek wara 3 xhur ta' kura u jista' jirrakkomanda li twaqqaf cilostazol jekk l-effett tal-kura ma jkunx biżżejjed.

<Prodott medicinali li fih cilostazol> mhuwiex adattat għat-tfal.

Jekk tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol> aktar milli suppost

Jekk għal xi raġuni inti tkun ħad aktar pilloli ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> milli suppost, jista' jkollok sinjali u sintomi bħal uġiġi ta' ras severa, dijarea, tnaqqis fil-pressjoni tad-demm u irregolaritajiet fit-taħbit tal-qalb tiegħek.

Jekk ħadt aktar pilloli mid-doża preskritta, ikkuntattja lit-tabib tiegħek jew l-isptar lokali tiegħek immedjatament. Ftakar biex tieħu l-pakkett miegħek sabiex ikun ċar liema mediċina tkun ħadt.

Jekk tinsa tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>

Jekk tinsa tieħu doża, tinkwetax, stenna sad-doża li jmiss sabiex tieħu l-pillola li jmissek u mbagħad kompli bħas-soltu. **M'GĦANDEKX** tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu.

Jekk tieqaf tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol>

Jekk tieqaf tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol> l-uġiġi f'rīglejk għandu mnejn jerġa' jitfaċċa jew jidgrava. Għalhekk, inti għandek biss tieqaf tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol> jekk tinnota effetti sekondarji li jeħtieġu attenzjoni medika urġenti (ara sezzjoni 4) jew jekk it-tabib tiegħek jgħidli biex twaqqafhom.

4. Effetti sekondarji possibbi

Bħal kull mediciċina oħra, <Prodott medicinali li fih cilostazol> jista' jikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji li ġejjin iseħħ, jista' jkollok bżonn attenzjoni medika urġenti. Tibqax tieħu <Prodott medicinali li fih cilostazol> u kkuntattja lit-tabib jew mur fl-eqreb sptar immedjatament.

- puplesija
- attakk tal-qalb
- problemi fil-qalb li jistgħu jikkawżaw nifsijiet qosra jew nefħa tal-għakkiesi
- taħbit tal-qalb irregolari (ġdida jew qed tmur għall-agħar)
- emorraqija notevoli
- tbenġil faċċi
- mard serju b'infaset mill-ġilda, ħalq, għajnejn u l-partijiet ġenitali
- sfurija tal-ġilda jew l-abjad tal-ġħajnejn ikkawżati minn problemi tal-fwied jew demm (suffejra)

Għandek ukoll tgħid lit-tabib tiegħek immedjatament jekk ikollok deni jew uġiġi fil-grizmejn. Jista' jkollok bżonn li jkollok xi testijiet tad-demm u t-tabib tiegħek ser jiddeċiedi dwar aktar trattament għalik.

L-effetti sekondarji li ġejjin ġew rappurtati għal <Prodott medicinali li fih cilostazol>. Għandek tħid lit-tabib tiegħek mill-aktar fis possibbli:

Effetti sekondarji komuni ħafna (li jaffettaw aktar minn persuna 1 f'10)

- uġiġi ta' ras
- ippurgar mhux normali
- dijarea

Effetti sekondarji komuni (li jaffettwa inqas minn 1 f'10, iżda iktar minn persuna 1 f'100)

- taħbit mgħaqġġel tal-qalb
- qalb thabba bil-qawwa (palpitazzjoni)
- uġiġi fis-sider
- sturdament
- uġiġi fil-grizmejn
- imnieħer inixxi (rinite)
- uġiġi addominali
- skumdità addominali (indiġestjoni)
- tħossok jew tkun ma tiflaħx (dardir jew rimettar)
- telf ta' aptit (anoreksja)
- tifwieq eċċessiva jew gass
- nefħa tal-għekkiesi, saqajn jew wiċċ
- raxx jew bidliet fid-dehra tal-ġilda
- ġakk tal-ġilda
- fsada sparpaljata fuq il-ġilda
- dgħufija ġenerali

Effetti sekondarji mhux komuni (li jaffettwa inqas minn persuna 1 f'100, iżda f'aktar minn persuna f' 1,000)

- attakk tal-qalb
- taħbit tal-qalb irregolari (ġdid jew li mar għall-agħar)
- problemi tal-qalb li jistgħu jikkawżaw qtugħi ta' nifs jew nefħa fl-eğħkiesi
- pnewmonja
- sogħla
- sirdat
- emorraġja mhux mistennija
- tendenza ta' emorraġja (eż., tal-istonku, għajnejn jew fil-muskoli, tinfaraġ u demm fir-bżiq jew l-awrina)
- tnaqqis fiċ-ċelluli ħumor fid-demm
- sturdament malli tqum bilwiegħfa
- ħass ħażin
- ansjetà
- diffikultà biex torqod
- ħolm mhux tas-soltu
- reazzjoni allerġika
- dulur u uġiġi
- dijabete u livell ogħla ta' zokkor fid-demm
- uġiġi fl-istonku (gastrite)
- Tħossok ma tiflaħx

Jista' jkun hemm riskju ogħla ta' fsada fl-ġħajnejn fil-persuni bid-dijabete.

Effetti sekondarji rari (li jaffettwa inqas minn persuna 1 f'1,000, iżda f'iktar minn persuna 1 f'10,000):

- tendenza ta' emorraġja għal perjodu itwal mis-soltu
- żieda fil-plejtlits fid-demm

- problemi bil-kliewi

L-effetti sekondarji li ġejjin kienu rrappurtati waqt l-użu ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> iżda mhux magħruf kemm ta' spiss dawn jistgħu jseħħu:

- bidliet fil-pressjoni tad-demm
- tnaqqis fiċ-ċelluli ħomor, ċelluli bojod u plejtlits fid-demm tiegħek
- diffikultà biex tieħu nifs
- diffikultà tiċċaqlaq
- deni
- fwawar
- ekżema u raxxijiet oħra fil-ġilda
- sensazzjoni mnaqqsa tal-ġilda
- għajnejn iqattru jew li jwaħħlu (konġuntivite)
- ċenċil fil-widnejn (tinnite)
- problemi fil-fwied li jinkludu epatite
- bidliet fl-awrina

Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li muwiex elenkat f'dan il-fuljett.

5. Kif taħżeen <Prodott medicinali li fih cilostazol>

Żomm <Prodott medicinali li fih cilostazol> fejn ma jidhirx u ma jintlaħhaqx mit-tfal.

Tużax <Prodott medicinali li fih cilostazol> wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-kartuna u l-folja, wara JIS. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-drañaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih <Prodott medicinali li fih cilostazol>

- Is-sustanza attiva hi cilostazol. Pillola waħda fiha 50 mg cilostazol.
- Is-sustanza attiva hi cilostazol. Pillola waħda fiha 100 mg cilostazol.
- Is-sustanzi l-oħra huma maize starch, microcrystalline cellulose, calcium carmellose, hypromellose u magnesium stearate.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Kif jidher <Prodott medicinali li fih cilostazol> u l-kontenut tal-pakkett

Il-pillola ta' 50 mg ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> hija pillola bajdanija, tonda, b'wiċċ ċatt, imnaqqxa b'"OG31" fuq naħħa waħda.

Il-pillola ta' 100 mg ta' <Prodott medicinali li fih cilostazol> hija bajdanija, tonda, b'wiċċ ċatt, imnaqqxa b'"OG30" fuq naħħa waħda.

Il-mediċina tiegħek hja fornuta f'pakketi ta' 14, 20, 28, 30, 50, 56, 98, 100 pillola, 112-il pillola jew 168 pillola jew pakketi għall-isptar b'70 (5x14) pillola.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Dan il-prodott mediciinati huwa awtorizzat fl-Istati Membri tal-EEA b'dawn l-ismijiet:

Franza	< Médicament contenant du cilostazol > 50 mg comprimé
Il-Ġermanja	< Cilostazol-haltiges Arzneimittel > 50 mg Tabletten
L-Italja	< Medicinale contenente cilostazolo > 50 mg compresse
Spanja	< Medicamento que contiene cilostazol > 50 mg comprimidos
L-Isvezja	< Läkemedel som innehåller cilostazol > 50 mg tablettar
Ir-Renju Unit	< Cilostazol-containing medicinal product > 50 mg tablets
Franza	< Médicament contenant du cilostazol > 100 mg comprimé
Il-Ġermanja	< Cilostazol-haltiges Arzneimittel > 100 mg Tabletten
L-Italja	< Medicinale contenente cilostazolo > 100 mg compresse
Spanja	< Medicamento que contiene cilostazol > 100 mg comprimidos
L-Isvezja	< Läkemedel som innehåller cilostazol > 100 mg tablettar
Ir-Renju Unit	< Cilostazol-containing medicinal product > 100 mg tablets

[Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f-<{XX/SSSS}>.

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]